MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 355/2006

**Maltacom Plc 22334**

**vs**

**Deguara Joe (ID312443M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghal kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' erba' mija erbgha u tmenin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (LM484.55) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Maltacom Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21370399 (CN567746, AC10127054).

Bl-Ispejjes u imghaxijiet legali.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Xehdet bil-gurament Dr Ingrid Zammit Young ghas-socjeta’ attrici, debitament awtorizzat sabiex tirrapprezenta u tixhed ghan-nom tas-socjeta’ attrici, sabiex tikkonferma l-ammont dovut.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-Kawza;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------